MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 87/2009

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Mejju elf disa’ mija disgha u disghin (1999), il-kontendenti ikkontrattaw zwieg bejniethom permezz ta’ cerimonja civili kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-Zwieg (Dok. A);

Illi ghalkemm jidher li l-istess zwieg kien validu, effettivament l-istess ma kienx;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg inkiseb bi vjolenza u biza';

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-esponent ghandu interess li z-zwieg iccelebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat null ghall-effetti kollha tal-ligi u ghalhekk qed isir dan ir-rikors;

Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, C B ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza ltaqghu f'Malta. Ir-ragel huwa ta' nazzjonalita' Awstrijaka u l-mara Maltija. Wara li kienu hargu flimkien biss hames darbiet, il-mara harget tqila. Kellha ghoxrin sena. Saret hafna pressjoni fuqha biex tizzewweg u fehmet li ma kellhiex triq ohra biex tipprova ssalva s-sitwazzjoni taghha.

Ir-ragel fl-affidavit tieghu jghid:

"*When we found out about the pregnancy, I resigned myself to coming to live in Malta to be able to support C. I felt a lot of pressure to marry C, mostly from C's family, and her mother, who felt that C had disgraced herself and the family. Also, there were many friends of C who took it for granted that we would get married. I found it nearly impossible to get away from the idea that the only way out of the situation would be to get married.*"

C B stess tghid:

"*Jien kont iltqajt ma' A hames (5) darbiet biss meta hrigt tqila. Meta sirt naf bit-tqala tieghi kont ixxukkjata, mbezza' u mdejqa hafna. Ma kellix idea x'ha naghmel. Lil A bilkemm kont nafu. Qatt ma konna tkellimna fuq zwieg ghax ma kellniex relazzjoni serja jew li kellha twassal ghal xi tip ta 'commitment'. Jiena ma kontx doqt il-hajja u ma kellix esperjenza ta' relazzjoni ma' rgiel. Appogg mill-familja tieghi ma sibtx. Ommi qaltli li qabel nizzewweg ma tridx taf bija. Hi qisha ddecidiet li A kellu jizzewwigni – u jien fl-istat konfuz li kont fih dak iz-zmien – accettajt. Dan alavolja qatt ma kelli l-hsieb li nizzewweg f'eta' daqshekk zghira u ma kontx naf x'kont qed inhoss fir-rigward ta' A. Ahna ma konniex morna kors ta' Kana jew xi tip ta' kors iehor fuq iz-zwieg u ma kellix idea ghal xiex kont diehla. Ghandi nghid li jien izzewwigt biss ghax ma kontx naf fejn ha nhabbat rasi jew min jaghtini parir biex nistenna. Iz-zwieg ghalija kien biss mod kif nghattu l-izball li kont ghamilt meta hrigt tqila. Kieku ma kontx tqila zgur li ma kontx nizzewweg. Peress li kollox gara f'daqqa, qatt ma saqsejt lili nnifsi jekk kont inhobb lil A jew jekk ridt noqghod mieghu ghal dejjem. Ghamilt kollox f'panic kbir.*"

Dan ix-xenarju kkonfermat ukoll minn huha:

"*Il-genituri taghna riedu li C tizzewweg lil A mill-aktar fiss possibli biex taghti dak l-izball. Dawn izzewgu wara biss gimgha li A kien gie jghix Malta.*"

U ohtha:

"O*mmi assolutament ma riditx taccettaha u bilfors riedet lil C tizzewweg. C kienet imfixkla u ma kinitx taf x'taqbad taghmel u ghalhekk accettat li tizzewweg, speci biex tghatti l-ewwel zball. Naf li kellha hafna dubju fuq dak li kienet qed taghmel imma hasset li ma kellhiex triq ohra x'tiehu.*"

F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jirritjeni Castano fil-ktieb "*Il Sacramento del Matrimonio*" li, ghalkemm b'referenza ghal zwieg sagramentali, jista' ukoll validament jigi ritenut ghal zwieg purament civili bhal dak in ezamina.

"*Cio` che specifica il timore reverenziale e` la natura del male per liberarsi dal quale una persona e` costretta a scegliere il matrimonio. Il male imminente o probabile che essa intende evitare non e` costituito solo dal pericolo di perdere l'eredita', l'affetto, il lavoro, di essere cacciato fuori di casa, di essere esposta all'infamia se si tratta di ragazza ma anche il solo fatto di procurare ai suoi genitori o familiari o superiori, per la mancata adesione alla loro volonta', "dispiacere" o "indignazione". Il dispiacere o l'indignazione possono essere espressi in vari modi per esempio con un volto costantemente addolorato o severo, con una atmosfera familiare di silenzio, di freddezza, con uno stillicido continuo di rimproveri, di minacce, di suppliche, d'insistenza importune. Di per se', queste manifestazioni esterne, anche se pressanti, non costituiscono un male grave, pero' lo possono essere nella situazione concreta, divenuta impossibile. Per porre fine a questa situazione, la persona che ne e` vittima, si arrende alla volonta' altrui accettando le nozze come unica strada di uscita, con una scelta senza piena autonomia.*"

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn A B u C B fid-29 ta’ Mejju 1999 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------